MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2000

Rikors Numru. 1710/2000/1

**Natalia MAGGI**

**vs**

**Edward MAGGI**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors ta' Edward Maggi tas-17 t'Awissu, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju fuq imsemmi a tenur tal-att 836 tal-Kap 12, kwantu dak il-Mandat jolqot l-"istock" tan-negozju milqut bih;

Rat id-Digriet taghha tat-18 t'Awissu, 2000;

Rat it-twegiba tal-intimata Natalia Maggi tal-25 t'Awissu, 2000;

Rat id-Digriet taghha tat-28 t'Awissu, 2000, li permezz tieghu appuntat ir-Rikors ghas-smiegh u trattazzjoni;

Rat l-atti tal-Mandat numru 2863/00CX mahrug fid-9 t'Awissu, 2000, mertu ta' dan ir-Rikors;

Semghet it-trattazzjoni tal-konsulenti legali tal-partijiet;

Rat l-artikoli 829, 830 (2), 836 (1) u (4), 846 u 847 tal-Kapitolu 12;

*Ikkunsidrat:*

Illi, kif jingahd mir-rikorrenti innifsu, hemm pendenti bejn il-partijiet proceduri ghall-separazzjoni personali; min-naha taghha, l-intimata kreditrici esekutanti, bhala kawzali ghall-hrug tal-Mandat mertu tal-kaz, tindika l-harsien ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti kalkolat ghall-fini tal-istess Mandat;

Illi, mir-riferta tal-Marixxal maghmula wara l-esekuzzjoni tal-Mandat, jidher li l-oggetti maqbuda jinkludu ghamara, taghmir u attrezzi tan-negozju u hwejjeg u accessorji tal-ilbies;

Illi jihder car li r-rikorrent debitur esekutat qieghed jitlob il-hrug tal-kontro-Mandat limitatament ghal dawk l-oggetti li huma stock tal-hanut;

Illi l-artikolu 836 (1) jaghti s-setgha lill-Qorti li, jekk tilqa' t-talba, tordna li l-att kawtelatorju jigi mhassar anke mqar f'parti minnu;

Ill ir-rikorrenti jsemmi tliet ragunijiet li, minhabba fihom, ihoss li t-talba tieghu ghandha tintlaqa'.  Min-naha taghha, l-intimata tishaq li l-Mandat ghandu jibqa' kollu kemm hu fis-sehh, ghalkemm tistqarr li m'huwiex fl-interess taghha li twaqqaf lil zewgha milli jbiegh u jipprovdilha l-manteniment dovut;

Illi l-intimata ttenni ghadd ta' drabi li wiehed mill-ghanijiet ghall-hrug tal-mandat u l-oppozizzjoni  taghha ghat-thassir tieghu huwa minhabba li r-rikorrent qieghed jonqos sewwa u konsistentement mill-obbligu tieghu li jmantinha.  Din il-Qorti tghid mill-ewwel li din il-kwestjoni ma tistax tigi nvestita minnha f'dawn il-proceduri, u , fi kwalsijasi kaz, ma tarax kif iz-zamma tal-oggetti maqbuda se tghin lill-intimata f'dan ir-rigward ghajr biex taghmel pressjoni fuq ir-rikorrent;

Illi l-Qorti tosserva li, ghalkemm seta' jressaq il-prezenti Rikors quddiem il-Qorti li qeghda tittratta l-kawza tas-separazzjoni, ir-rikorrent ghazel  li jadixxi din il-Qorti li harget il-Mandat, u ghalhekk, bil-fors rabat idejn din il-Qorti li taghmel idnagni tat-talba tieghu fuq bazi *prima facie* limitata ghac-cirkostanzi ta' smiegh u trattazzjoni b'urgenza previsti mill-artikolu 836, bla ma jkollha l-opportunita' li tara l-fatti u tisma' x-xhieda b'akbar reqqa u dettal, kif setghet taghmel ahjar dik il-Qorti;

Illi, ghar-rigward tal-ewwel raguni imressqa mir-rikorrent [art. 836 (1) (c)], il-Qorti tosserva li r-rikorrent offra lill-intimata garanzija alternattiva b'gid immobbiljari. Dan tennih ukoll waqt is-smiegh tar-Rikors, imma la indika x'kienet din il-propjeta', la jekk hix mghobbija b'xi pizijiet jew djun, u lanqas jekk il-valur taghha jissoddisfax il-pretensjoni tal-intimata martu. Min-naha taghha, l-intimata m'accettatx l-adegwatezza tal-offerta tar-rikorrent. Fin-nuqqas ta' dettalji konkreti, il-Qorti tiddikjara li m'hijiex soddisfatta lanqas b'din il-kawzali;

Illi, ghar-rigward tat-tieni raguni [art. 836(1) (d)] msemmija, ir-rikorrent jghid li l-"kreditu indikat huwa esagerat u minghajr basi". Il-prova ta' din l-allegazzjoni kienet taqa' fuq ir-rikorrenti. Hadd mill-partijiet ma ta hjiel lil din il-Qorti dwar il-konsistenza tal-gid patrimonjali taghhom. Il-Qorti, ghalhekk, ghajr li tosserva li r-rikorrent huwa fil-kummerc u jmexxi negozju mrawwem, m'ghandhiex quddiemha bizzejjed taghrif biex tiddikjara li, imqar *prima facie*, l-ammont pretiz mill-intimata fil-Mandat, jigifieri sehemha fil-komunjoni tal-akkwisti, huwa eccessiv jew mhux gusitifkat. Ghalhekk, anke din il-kawzali m'hijiex pruvata.

Illi, ghar-rigward tat-tielet raguni [art. 836(1) (f)] imsemmija mir-rikorrenti, il-Qorti tqis li ghandu punt ir-rikorrent li jghid li l-hwejjeg ta' abbiljament - li jifformaw il-parti l-kbira mill-istokk maqbud - malajr johorgu mill-moda u huma stagjonali. L-intimata, bhala tali, ma tridx li l-bejgh taghhom ma jsirx, imma ma tridx li l-bejgh isir u hija ma tinghatax taghrif dwar ir-rikavata. Fit-twegiba taghha tindika xi precedenti gudizzjarji fejn sitwazzjoni simili giet indirizzata. Fit-twegiba taghha wkoll hija tghid bla tlaqlieq li r-rikorrent, minkejja l-hrug tal-Mandat, xorta ddispona minn xi coggetti li gew maqbuda u bieghhom. Dan iservi lill-Qorti biex tifhem kemm, jekk dak li tghid l-intimata huwa minnu, iz-zamma tal-mandat fih innifsu mhux qieghed iservi l-ghan tieghu. Ghalhekk, ghar-ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq fil-konsiderazzjonijiet taghha, din il-Qorti ssib li din il-kawzali tar-

rikorrent hija gusitifikata u wkoll li fic-cirksotanzi ma jidhirx ragonevoli li l-Mandat jinzamm fis-sehh dwar l-istokk tal-hanut li gie maqbud;

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tipprovdi dwar ir-rikors ta' Edward Maggi billi:

(a) tilqghu limitatament dwar l-istokk li jinsab fil-hanut indikat fit-tieni pagna tar-riferta tal-marixxall esekutant, kif minnu mitlub, u tordna l-hrug tal-opportun kontro-Mandat parzjali dwarhom, filwaqt li jibqa' fis-sehh dwar l-oggetti l-ohrajn maqbuda;

(b) ghandu jinhatar, a spejjez tar-rikorrent u bi qbil mal-intimata, persuna kompetenti li taghmel valutazzjoni u inventarju bir-reqqa tal-oggetti li kienu maqbuda u li bis-sahha ta' dan id-Digriet inhareg il-kontroMandat dwarhom;

(c) li l-istess persuna hekk mahtura ghandha tinghata, minghand ir-rikorrent, rendikont dettaljat, kull sitt (6) ijiem, tal-bejgh tal-oggetti hekk valutati u inventarjati, u din il-persuna tista' taghmel l-accertamenti kollha mehtiega biex tara li t-taghrif moghti lilha mir-rikorrent huwa minnu; u

(d) tordna li l-persuna hekk mahtura ghandha, permezz ta' Nota presentata fir-Registru ta' din il-Qorti, taghti rendikont shih minnha awtentikat tal-oggetti hekk mibjugha u r-rikavat gwadanjat;

**Fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tal-kaz, l-ispejjez ta' dan ir-Rikors jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------